MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Numru. 194/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**MARIA BUTTIGIEG bint Emanuel u Zarena nee' Zammit, imwielda fid-disgha ta' Awissu, 1949 u residenti 73, Triq Sant Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 66949G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **MARIA BUTTIGIEG** bint Emanuel u Zarena nee' Zammit, imwielda fid-disgha ta' Awissu, 1949 u residenti 73, Triq Sant Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 66949G giet mressqa quddiemha u akkuzata talli matul dawn il-granet u fis-sebgha [7] ta' April 2006 ghal habta tas-siegha u

kwart ta’ wara nofsinhar (1:15pm) zammet fi stat mahmug il-partijiet interni tal-fond 73 Triq Sant Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita mill-ligi tordna li l-istess inkonvinjent jitnehha fi zmien stabbilit mill-Qorti u fin-nuqqas tigi nflitta fuqha piena ta’ mhux aktar minn zewg liri maltin (Lm2) ghal kull gurnata li jeccedi miz-zmien stabbilit mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe dik ta’ Noel Portelli Spettur tas-Sanita’ u lill-imputata tghid li ma tnaddafx il-fond taghha.

**Il-Qorti** rat l-artikolu tal-ligi u cioe’ 121 u 312(1) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta u **tiddikjara li ssib lill-imputata MARIA BUTTIGIEG** hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal hlas ta’ ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25).

Tordna lill-imputata tnaddaf il-fond taghha fi zmien hmistax [15] il-jum mill-lum u fin-nuqqas tigi kkundannata thallas penali ta’ zewg liri maltin (Lm2) kuljum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------